# 2

# L-ewwel snin fi Triq il-Kungress Ewkaristiku

L-Oratorju Qalb ta' Ġesù beda jiffunzjona fi Triq il-Kungress Ewkaristiku min-nofs Ġunju 1914 'il quddiem. Kien iċ-ċentru speċjalizzat tal-katekeżi minn fejn it-tfal Mostin bdew jitħejjew biex jirċievu s-sagramenti tal-qrar, tqarbin u griżma tal-Isqof. Bil-kontra ta' dak li jiġri llum, dak iż-żmien ma kienx hemm età fissa meta t-tfal jersqu għas-sagramenti, anzi kien hemm taħlit gwapp ta' etajiet. Kienet ukoll drawwa antika li t-tfal jitressqu għall-ewwel tqarbina filgħodu u għall-griżma tal-Isqof waranofsinhar fl-istess ġurnata, waqt li l-ewwel qrara kienet tkun amministrata xi ġimgħa jew tnejn qabel. Bil-mod il-mod bdiet dieħla ċerta mentalità li fil-ħwejjeġ tal-fidi m'għandniex nikkuntentaw bil-medjokrità u l-injoranza, imma li l-għarfien u l-approfondiment kienu meħtieġa biex tassew iż-żgħażagħ isiru 'suldati ta' Kristu'. Il-mewġiet ta' ideat sekulari u rivoluzzjonarji li ma kinux sinkronizzati mal-fehmiet u l-prattiċi tal-Knisja kienu diġà bdew jilħqu lil xtutna u għalhekk kien jinħass aktar minn qatt qabel il-bżonn li t-tagħlim tad-duttrina jkun meħud bis-serjetà. Fl-Oratorju bdew jinġemgħu ċorom ta' tfal li fi ħdanu sabu għajn ta' edukazzjoni reliġjuża taħt għajnejn il-kleru u wkoll ta' lajċi impenjati. Imma din l-oażi ta' paċi fil-qalba tal-Mosta ma kinitx qiegħda tiffjorixxi ġo vakum. Fl-Ewropa u lil hinn minnha kien beda d-dulur tat-trunċieri tal-Ewwel Gwerra Dinjija. Miljuni ta' suldati ta' imperi qodma u stati ġodda kienu qegħdin imutu fit-tajn u l-miżerja. Għall-ewwel darba fl-istorja millenarja tal-gwerra, l-ajruplan kien beda jintuża bħala arma tal-qerda flimkien mal-forzi tradizzjonali tal-infanterija u navali.

### Jidħol fl-azzjoni Dun Edgar Salomone

Sentejn wara t-twaqqif tal-Oratorju fil-Mosta, fl-1916, Dun Karm Gauci, bħala l-ewwel Direttur, ħajjar lil Dun Edgar Salomone (ara profil f'Appendiċi A) biex jieħu f'idejh it-tmexxija tal-Oratorju tas-subien peress li hu xtaq jiffoka iżjed fuq l-Oratorju tal-bniet li wkoll kien għadu kemm ġie inawgurat. Salomone kien għadu fl-aħjar tiegħu u mill-ewwel aċċetta l-istedina ta' Dun Karm. Għal xejn anqas minn ħames snin qabel ma sar Direttur tal-Oratorju tal-Mosta, Salomone kien ħadem u tħarreġ fil-kamp taż-

żgħażagħ, partikolarment mal-Freres u mas-Sależjani f'Tas-Sliema (Camilleri, 2007: 200). Mingħandhom Salomone trawwem fid-diversi modi ta' kif issir pastorali effettiva u ħolistika maż-żgħażagħ; pastorali li tħares kemm lejn ir-ruħ u kemm lejn il-ġisem tal-persuna. Hekk it-tfal u ż-żgħażagħ setgħu jikbru, u jsiru nsara maturi u ċittadini ħabrieka permezz ta' formazzjoni spiritwali u ċivika. Dawn it-tip ta' ħiliet li Salomone akkwista f'Tas-Sliema swewlu mhux ftit meta beda jmexxi l-Oratorju tal-Mosta. *Bidwi Mosti*, f'ittra lill-Editur ta' Leħen is-Sewwa datata 10 ta' Diċembru 1963, kiteb hekk,

> Dun Edgar għamel ħafna ġid fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta. Kien jilgħab il-ballun mat-tfal u jsir wieħed bħalhom iżda mal-ħin kien jimmarċjahom għad-duttrina. Kien jagħmel teatrini, jagħti lezzjonijiet u jorganizza premjazzjonijiet. Ġabar kważi t-tfal kollha tal-Mosta fl-Oratorju. Għallem lit-tfal iħobbu l-Qalb ta' Ġesù u poġġa lil San Stanislaw Koskta bħala patrun sekondarju. It-tagħlim ta' Dun Edgar swielu ħajtu kollha u għaddieh lil uliedu. (Camilleri, 2007: 204)

San Stanislaw Koskta (1550-1568) kien novizz Ġiżwita Pollakk li miet f'qasir il-għomor. Magħruf għal qdusitu sa minn età tenera, beda jiġi magħżul bħala patrun ta' bosta skejjel tal-Ġiżwiti. Min-naħa tiegħu, Dun Edgar, li bħala seminarist kien studja għand il-Ġiżwiti, għażlu bħala mudell ta' żagħżugħ mimli bl-imħabba għal Kristu fl-ewkaristija u permezz tiegħu ssokta jżid il-ħrara tat-tfal Mostin għall-ħajja qaddisa. Iżda minbarra t-tagħlim tad-duttrina, Salomone mill-ewwel induna li dan iċ-ċentru parrokkjali kellu jkun ta' servizz b'risq il-parroċċa kollha u għalhekk ma sabhiex bi tqila biex jintroduċi bidliet u innovazzjonijiet. Hawn se nillimita ruħi għal tliet żviluppi biss: (a) ir-refuġju tal-Banda Nicolò Isouard, (b) l-introduzzjoni tal-moviment tal-iscouts u (ċ) is-sehem ta' teatrin bħala mezz ta' divertiment u edukazzjoni popolari. Dawn l-iżviluppi seħħew fid-dell tal-Ewwel Gwerra Dinjija u għalhekk in-narrativa ta' dak li ġara se tkun qiegħda tinkwadra dak li ġara f'din ir-realtà.

## Ir-refuġju tal-Banda Nicolò Isouard

Il-Banda Nicolò Isouard hija l-ewwel għaqda ċivika li qatt twaqqfet fil-Mosta. Kollox beda fl-1869 meta grupp żgħir ta' Mostin ħabrieka ddeċidew li jifformaw banda bħal ma kien qiegħed jiġri ma' Malta kollha f'dak iż-żmien. L-ewwel dehra tal-bandisti kienet sentejn wara, nhar il-Ħadd 15 t'Ottubru 1871, meta l-banda ġdida Mostija daqqet fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni tar-Rotunda fost il-ferħ tal-Mostin. Fil-kumitat kienu jissieħbu nies influwenti ħafna fil-politika u l-ħajja pubblika u hekk il-Banda baqgħet tissoda u tikber. Imma l-entużjażmu u t-tħabrik tal-ewwel 35 sena bdew jittieklu sa ma tfaċċaw il-firda u l-bruda minflokhom. Għall-ħabta tal-1906 ħafna mill-bandisti żarmaw u għaqqdu banda oħra, madankollu din xoljiet f'qasir il-għomor. In-Nicolò Isouard bdiet tmajna, u għalkemm rat kif għamlet biex tiġbor ruħha għall-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku fl-1913, reġgħet kważi sfaxxat għal kollox eżatt wara.

> It-telf kontinwu ta' bandisti, allievi u soċi, flimkien man-nuqqas serju ta' mezzi, bdew bil-ftit il-ftit joħonqu l-banda sakemm ġabuha bla saħħa, hekk li fl-1914, il-Każin (li dak iż-żmien kien f'numru 210, Triq il-Kbira, kważi fi Pjazza Rotunda), sfaxxa u kellu jagħlaq. (Schembri, C.J. 1986: 368)

Imma għalkemm il-Banda sfat bla saqaf fuq rasha, mhux kollox kien mitluf għax xi erba' baħrin tal-maltemp minn tal-kumitat żammew il-fjamma tal-banda tnemnem. Huwa propju f'dan l-istadju tant diffiċli fil-ħajja tal-Banda Nicolò Isouard li jidħol l-Oratorju tas-subien fl-azzjoni. Quddiem din is-sitwazzjoni msejkna, Dun Edgar Salomone, issa bħala t-tieni Direttur, għamel offerta lil dawn it-talin biex [jibdew] jiltaqgħu fl-Oratorju. Ħatfuh fil-kelma għax alternattivi oħrajn ma kienx hemm. Il-propjetà tal-banda nġabret u ntrefgħet taħt is-saqaf tal-Oratorju għal xi tliet snin jew erbgħa mill-1916 'il quddiem. Il-laqgħat tal-kumitat bdew isiru 'f'kamra fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù li Dun Edgar kien poġġa għad-dispożizzjoni tal-Banda' (Dimech, 2007: 33). Dan l-intervent f'waqtu kien strumentali biex il-Banda tibqa' tieħu n-nifs tal-ħajja f'dik li setgħet kienet l-għaxwa ta' mewtha. Mhux ta' b'xejn li Dun Edgar Salomone huwa kkonsidrat bħala 'missier u protettur tal-Banda Nicolò Isouard' (Dimech, 2007: 34). Ftit tas-snin wara tmiem il-Gwerra l-Kbira, il-Banda rxuxtat sewwa, bdiet terġa' tikber fl-għadd ta' soċi u bandisti u eventwalment stabbiliet ruħha ġo każin kbir u spażjuż li tant kellha bżonnha.

## It-twaqqif tal-Musta Oratory Troop

It-tieni żvilupp maġġuri fl-Oratorju li se nitrattaw f'dan il-kapitlu u li seħħ fi żmien meta Dun Edgar Salomone kien Direttur huwa l-introduzzjoni tal-moviment tal-Iscouts fil-Mosta. Kif se naraw, xejn ma kien żvilupp faċli għax kien kontra l-kurrent ekkleżjali ta' dik il-ħabta, iżda bir-rieda qawwija u l-perseveranza ma taqta' xejn ta' Salomone, l-Iscouts faqqsu fl-Oratorju fl-1916. Imma ħa nibdew mill-bidu biex nifhmu aħjar kif ħadmet id-dinamika kollha.

Sir Robert Baden Powell (1857-1941), Logotenent Ġenerali fl-Armata Ingliża li serva fl-Indja u fl-Afrika u li ħa sehem bi qlubija fit-Tieni Gwerra tal-Boeri fl-Afrika t'Isfel, waqqaf il-moviment tal-iscouts fl-1908. Dan il-moviment internazzjonali oriġina fl-Ingilterra u f'malajr beda jinxtered mal-erba' rkejjen tad-dinja permezz tal-pajjiżi tal-Commonwealth. F'dik il-ħabta, fil-bidu tas-seklu 20, kwart tad-dinja kienet taħt il-ħakma tal-Imperu Ingliż. Bħala moviment taż-żgħażagħ, l-iscouts joffri appoġġ u żvilupp fiżiku, mentali u spiritwali għall-membri tiegħu u dan billi jipprovdilhom spazju u skop fejn jaħdmu b'risq il-komunitajiet fejn jgħixu. Għalhekk mhux ta' b'xejn li l-iscouts jenfassizzaw l-attivitajiet fl-apert fejn il-membri joħolqu inizjattiva sportivi u ta' avventura, jipprattikaw l-ewwel għajnuna, jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' salvataġġ u jgħinu fiż-żamma tal-ordni waqt manifestazzjonijiet pubbliċi. Il-motto l-iscouts huwa *'be prepared'*; motto li jimplika azzjoni dinamika, ħabrieka u kontinwa biex it-tfal u ż-żgħażagħ jkunu dejjem imħejjija għal dak li jista' jinqala' u hekk jassiguraw li jagħmlu dmirhom fil-ħin u dejjem.

Sentejn biss wara li Powell ta bidu għall-iscouts fl-Ingilterra, dan il-moviment ġdid żera' għeruqu f'Malta meta fl-1909 fetħet l-ewwel fergħa tal-*Boy Scouts* f'Tas-Sliema (*Sliema Scouts*, 2015). Fil-Mosta, l-iscouts ġew imwaqqfa tmien snin wara, jiġifieri fl-1916, u d-dar tagħhom kienet propju fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù li f'dik il-ħabta bikrija kien għadu f'numri 191/193, Triq il-Kungress Ewkaristiku fil-Mosta. It-twaqqif tal-iscouts fl-Oratorju tal-Mosta kien frott it-tħabrik ta' Dun Edgar Salomone li kien ħa f'idejh it-tmun tal-Oratorju, wara l-fundatur Dun Karm Gauci.

F'dan il-kuntest tal-bidu tas-seklu 20, wieħed irid jiftakar li f'Malta kellna ħakma imperjali u Protestanta fi gżira li kienet alleata tal-Papa f'Ruma. L-Ingliżi mhux biss kienu jiddominaw id-dinja politikament u militarment imma, fuq kollox, kienu wkoll forza li ppromwoviet ir-reliġjon Protestanta. Il-Knisja f'Malta minn dejjem kienet b'seba' għajnejn biex il-Protestantiżmu ma jaqbadx art f'dawn il-gżejjer u għalhekk tul il-164 sena li damu hawn l-Ingliżi, qatt ma tat riħ fil-qala' biex dan seta' jseħħ. Il-moviment tal-iscouts, għalkemm opra tajba u tal-akbar fejda, iżda f'għajnejn l-awtorijiet ekkleżjastiċi Maltin seta' deher bħala sors minn fejn seta' jinxtered il-Protestantiżmu fost il-ġenerazzjonijiet il-ġodda. Bħala xirka lajka Brittanika mibnija fuq il-lealtà lejn ir-Reġina (kap tal-monarkija u kap tal-Knisja Ingliża) u fuq it-tħejjija xierqa biex iż-żgħażagħ ikunu ċittadini dixxiplinati u attivi, l-iscouts setgħu jġorru timbru Protestant. Charles Vella ta' 86 sena u li għal 44 sena kien *leader* tal-iscouts fil-Mosta stqarr li,

> F'dak iż-żmien kien hawn mentalità magħluqa u baxxa. Peress li l-fundatur tagħna, Baden Powell, kien Protestant, voldieri aħna konna Protestanti wkoll. Hekk kienu daħħluha f'moħħhom dak iż-żmien. Issa dan mhu veru xejn għax il-liġijiet tal-iscouts kollha fuq il-Kmandamenti t'Alla qegħdin ibbażati. (Charles Vella, 2015)

Quddiem dan ir-riskju, xi wħud mill-kleru f'Malta għażlu li ma jkunux negattivi, imma minflok ħabirku biex jippromwovu dan il-moviment lajk ġdid billi, fejn setgħu, għamluh taħt il-patroċinju ta' xi saċerdot. Huwa f'dan l-isfond storiku u reliġjuż li jrid jiftiehem l-involviment ta' Dun Edgar Salomone fit-twaqqif tal-iscouts fil-Mosta u fl-użu tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù bħala l-ewwel sede uffiċjali tagħhom fir-raħal tar-Rotunda. Bil-maqlub tal-bixra fi ħdan il-kleru Malti, Salomone ma kienx imnaffar mill-kultura Ingliża, anzi kien miġbud lejha. Lejn l-aħħar tal-formazzjoni tiegħu, huwa qatta' sentejn Londra jistudja taħt il-Ġiżwiti (Camilleri, 2007: 199) u flok it-Taljan, kien aktar iħossu komdu jħaddem l-Ingliż, kif jixhdu l-kotba bikrija tiegħu, *Musta: Its Memories and Charms* (1910) u *Manual of Prayers for English-Speaking Maltese Boys* (1912). Politikament kellu simpatiji fid-dieher lejn l-Ingliżi, tant li fir-ritratti uffiċjali meta aktar tard laħaq Monsinjur, dejjem wera l-medalji mogħtija mill-Kuruna Ingliża għal qlubitu fil-gwerra. B'dan l-atteġġjament proIngliż, ma sabhiex bi tqila biex jintroduċi l-iscouts fl-Oratorju Mosti. Imma l-pjan tiegħu ma ntogħġobx minn kulħadd, speċjalment minn dawk il-kollegi saċerdoti li kienu marbutin b'ruħhom u ġisimhom mal-influwenza Taljana. F'dan l-isfond mimli inċertezzi u biża', il-pjan li ċ-ċentru l-ġdid tad-duttrina fil-Mosta jservi ta' inkubatur għall-iscouters il-ġodda,

> Ma setax ma jqajjimx ċerta reazzjoni serja, l-iżjed minn xi wħud li kellhom suspett f'dak kollu li f'għajnejhom kien jidher ġdid u barrani! Biex seta' jasal għal dak li kellu f'moħħu, Dun Edgar kellu jimxi bil-għaqal u l-prudenza u fuq kollox kellu juża s-sabar u l-kuraġġ. U hekk, iżjed 'il quddiem, narawh jegħleb kull tfixkil li sab madwaru... (*Il-Mosta* nru. 74, 1977: 3).

Il-prattika li kull grupp tal-iscouts ikollu *chaplain* baqgħet tintiret minn ġenerazzjoni għal oħra, u fil-fatt għadha teżisti sa żmienna. Salomone ġabar madwaru l-ewwel membri tal-*boy scouts* f'Novembru 1916 (Schembri 1986: 337) u xahrejn wara, preċiżament nhar is-17 ta' Jannar 1917, il-grupp Mosti kien uffiċjalment inawgurat fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù. U hekk iżżanżnet l-ewwel uniformi meta madwar sebgħin tifel libsu 'qmis ħadra skura, xorz blu skur, maktur ċelesti għal madwar l-għonq u naturalment kappell tradizzjonali ta' kulur kannella' (Schembri, 1986: 338; Cassar u Borg, 2007: 200). L-ewwel grupp ta' scouts, bir-raġun kollu, kien magħruf bħala l-*Musta Oratory Troop of Boy Scouts*, isem li tnebbah mir-rabta fejjieda bejn l-Oratorju u l-iscouts. Il-bandiera kienet tbierket minn Mons. Dom Mauro Caruana, Arċisqof ta' Malta, nhar il-11 ta' Frar 1917 waqt *rally* kbir tal-iscouts ta' Malta kollha f'Misraħ il-Palazz, il-Belt Valletta (Vella, 2008: 469).

L-ewwel *Scout Master* tal-grupp kien Vincent (Ċensu) Borg. Huwa dam fil-kariga għal ħdax-il sena bejn l-1916 u l-1927. Borg kien strumentali biex dan il-moviment innovattiv irabbi għeruq sodi fil-Mosta u jissokta jikber fil-għadd ta' membri u fil-firxa ta' attivitajiet. Il-prattika tal-isports flimkien ma' manuvri ta' salvataġġ u l-ewwel għajnuna kienu l-pern tad-dixxiplina tal-iscouts. Fi żmien Borg, fl-14 t'Ottubru 1917, kienet saret parata kbira fil-pjazza tal-Mosta u li ntemmet b'salut mill-gallerija tal-Oratorju li naturalment kien għadu kemm infetaħ tliet snin qabel fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Fil-parata ħadu sehem 823 *scouter* taħt il-kmand tad-*District Scout Master*, J.G. Blair, u magħhom ingħaqdu wkoll grupp tas-*Sea Scouts*. Kien fiha tassew x'tara dakinhar, waqt li nippruvaw nistħajlu dawk is-sriebet twal ta' subien ilkoll b'uniformi xummiema, indaf u ordnati taħt l-għajnejn għarriexa tal-*leaders* tagħhom u l-mistednin distinti,

> Għal dil-parata ġew nies distinti, bħall-Viċi Ammirall, l-Onor. Sir Somerset Gough-Calthope, *Naval Commander in Chief* u *Flag Lieutenant*, Gardner ..., Mons F. Ferris u l-Kan. H.J. Shaw. Għal din l-okkażjoni l-Banda Nicolò Isouard offriet is-servizzi tagħha. Ħadet sehem ukoll il-banda tat-Tieni Battaljun tal-K.O.M.R. u sar *March Past* mill-Pjazza ta' quddiem il-Knisja sa quddiem l-Oratorju. Hawnhekk l-E.T. *Field Marshall,* Lord Methuen, *Chief Scout*, ħa salut mill-gallerija tal-istess Oratorju. Wara sar ukoll it-tberik tal-bnadar tal-grupp tal-Mosta minn Mons. Ġużeppi Depiro, Segretarju Ġenerali tal-Arċisqof ta' Malta, li kien assistit mill-Arċipriet tal-Mosta, Dun P. Mallia. (*Il-Mosta* nru. 119, 1986)

Il-parata inawgurali fil-Mosta ġiet u marret, u bħalha ġraw minn jaf kemm-il waħda, imma l-ħajja ta' *scouter* mhix magħmula biss minn parati u fanfarri. Il-membri tal-iscouts fl-Oratorju Mosti bdew jorganizzaw ruħhom sew permezz ta' laqgħat, taħriġ fl-apert, għarfien tal-*first aid*, mixjiet u *hikes*; dejjem taħt il-gwida ta' *Scout Master* Borg u d-direttur Salomone.

## Id-Direttur tal-Oratorju jmur għall-Gwerra

Il-ħajja kultant tiehu liwjiet mhux mistennija. Sena wara t-twaqqif tal-iscouts fil-Mosta, fil-ħarifa tal-1917, Salomone qara appell tal-Kardinal Bourne li ried ħdax-il qassis biex jimlew vojt li kellu fl-armata tal-Lvant Nofsani waqt il-ġlied qalil li kien hemm fil-Palestina. 'Wara li qala' l-permess tal-Isqof, Salomone mar għand il-kappillan anzjan Dun James Dey u offra ruħu. Ġie aċċettat fit-13 ta' Novembru 1917 u kien kkummissjonat bħala kappillan kaptan fl-armata Ingliża' (Salomone, 1963: 6). Wara li qeda dmiru fuq il-front tal-gwerra fil-Palestina, intbagħat f'Salonika, il-Greċja fejn,

> Kellu erba' sptarijiet fuq medda ta' tnax-il mil u kien iżurhom fuq debba. Ġieli qaddes tliet quddisiet fil-Ħdud u anki matul il-ġimgħa minħabba li kien hemm xi Maltin. Fil-ħarifa tal-1918, l-influwenza Spanjola għamlet tagħha u kien ikollu x'jagħmel mit-8:00 pm sat-8:00 am. Fil-11 ta' Novembru 1918, il-ġurnata tal-Armistizju ġenerali, waqt li l-Maltin kienu jiċċelebraw tmiem il-gwerra bil-baned, fl-4:00 pm Dun Edgar kien fuq l-għolja Hotiac, fix-xita, jidfen tmintax-il vittma tal-Ispanjola, fosthom tmien Maltin. (Anthony Camilleri, 2007: 202)

Iżda għalkemm il-Gwerra l-Kbira kienet intemmet, Salomone intalab biex jibqa' jagħti servizz bħala kappillan fil-militar Ingliż. Mill-Greċja, fi Frar 1919, inbagħat iservi mal-*XI Royal Welsh Fusiliers*. Ma' dan il-battaljun dam għaxar xhur li matulhom kien stazzjonat fir-Russja u Kostantinopli (Camilleri, 2007: 203). F'Diċembru tal-1919 telaq minn Kostantinopli għal Malta. Meta wasal lura, kellu jistennewh lit-tfal u l-iscouts tal-Oratorju biex jagħtuh merħba, kif hu stess jirrakkonta,

> Mid-Dwana bagħtuna Lazzarett biex jiddiżinfettawna bid-duħħan. Karozzin kien qed jistennieni, u malli ġejt biex nirkeb, insib daqs 12-il scout tal-Oratorju lesti bil-*bicycles* biex, 6 kull naħa, jwassluni sal-Oratorju u d-dar il-Mosta. Id-daħla tiegħi kienet wirja l-aktar għażiża ta' mħabba minn 'uliedi' tal-maħbub Oratorju 'tagħna'. (Salomone, 1963: 2)

Din l-esperjenza hija xhieda tar-relazzjoni sabiħa li nħolqot bejn it-tfal u l-iscouts tal-Oratorju mad-direttur spiritwali tagħhom. Relazzjoni li ma ntfietx mal-firda tal-Gwerra, anzi ssaħħet u baqgħet bla mittiefsa fis-snin ta' wara. Huwa dan is-sens ta' rispett u lealtà li żamm lil Dun Edgar Salomone biex jibqa' f'kuntatt mal-iscouts tal-Mosta, anki meta dawn eventwalment ħarġu mill-Oratorju u stabbilew kwartier awtonomu.

> Bqajna nistednuh sal-aħħar għall-attivitajiet tagħna, l-aktar iċ-*church parades*. Fi żmieni konna nagħmlu tliet parati minn dawn, waħda għall-Għid il-Kbir u oħra għall-festa tal-Qalb ta' Ġesù, dawk żgur, u mbagħad kien hemm xi oħra matul is-sena. Fil-bidu dawn il-*parades* konna nagħmluhom qabel il-quddiesa tas-7 ta' filgħodu! L-inkwiet kien ikun għal dawk it-tfal li kienu ibatu biex iqumu kmieni! U Dun Edgar kien jiġi bil-qalb. Kien ikun kuntent u kburi jimmarċja magħna. (Charles Vella, 2015)

Sal-lum il-ġurnata għad hemm il-bust ta' Monsinjur Edgar Salomone fil-kwartier tal-*Boy Scouts* fi Triq it-Torri u xi erbat ixbar bogħod minnu għad hemm esebita b'għożża l-bandiera tal-*Musta Oratory Troop*, l-ewwel truppa ta' scouts fil-Mosta li bdiet fi ħdan l-Oratorju Qalb ta' Ġesù fl-1916.

## Sehem it-teatrin

Minbarra li daħħal lil Banda Nicolò Isouard u introduċa lill-iscouts, Salomone kien strumentali wkoll biex poġġa lill-kumpanija Mostija tat-teatrin taħt is-saqaf jew aħjar fil-bitħa tal-Oratorju. Hekk dan iċ-ċentru ta' edukazzjoni nisranija beda verament jinbidel u jinbena f'istituzzjoni ta' fejda għall-parroċċa kollha b'diversi ħidmiet reliġjużi, ċiviċi, mużikali, teatrali u ta' divertiment onest. Qabel kien inawgurat l-Oratorju fl-1914, kien hawn diġà kumpanija privata teatrali topera fil-Mosta bl-isem ta' *L'Unione della Musta*. Kienet ukoll magħrufa bħala *Le Dodici Stelle* b'riferenza diretta għall-istellarju ta' madwar l-Assunta kompost minn tnax-il kewkba. Manwel Gatt (1898-1992), pijunier ta' din il-kumpanija, jistqarr li l-ewwel swali li laqgħu r-rappreżentazzjoni tagħhom kienu xi ġnien, inkella garaxx kbir ta' xi dar. 'Waħda minn dawn kienet fi Triq l-Oratorju u oħra fi Triq l-Isperanza (Camilleri, 1990: 67). Kienu jaħdmu drammi reliġjużi u storiċi li kienu tant popolari mal-poplu fl-aħħar tas-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20.

Dun Edgar Salomone avviċina lil dawn id-dilettanti tal-palk u stedinhom biex jibdew itellgħu l-produzzjonijiet tagħhom fis-sala ċkejkna tat-teatrin li kellu l-Oratorju stabbilit fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Dan ġara mhux aktar tard mis-sena 1916 li hija d-data kkonfermata minn manuskritt miżmum fl-arkivju tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù tad-dramm *Pawlu Xara* ta' G. Vella, ikkuppjat minn Michelangelo Gauci u ffirmat fil-31 ta' Awwissu 1916. Meta dan il-grupp ta' atturi daħlu parti mill-Oratorju, Salomone tahom isem ġdid u issa l-kumpanija teatrali bdiet tissejjaħ *Unione Filodrammatica San Genesio.* San Ġeneżju kien attur pagan f'Ruma tal-Qedem u kien jieħu sehem f'kummiedji li kienu jwaqqgħu għaż-żufjett il-prattiċi Kristjani. Darba minnhom kien f'nofs rappreżentazzjoni li matulha kien qiegħed jiċċajta bil-magħmudija, meta f'salt minnhom kellu viżjoni mistika u kkonverta għall-Kristjaneżmu dak il-ħin stess fuq il-palk. L-Imperatur Deoklazjanu ħadha bi kbira u ordna li tinqatagħlu rasu. Hekk, bis-saħħa ta' San Ġenażju, l-atturi Mostin tpoġġew taħt il-kappa tal-knisja u setgħu jimirħu biex jingaġġaw aktar ġuvintur magħhom, jagħmlu l-provi u jtellgħu drammi ġodda.

Il-Knisja kienet tqis lit-teatru, naturalment dak imsejjes fuq il-morali Kristjani, bħala għodda effettiva biex tgħallem lin-nies u żżommhom fit-triq it-tajba. L-ingaġġ tal-kumpanija drammatika mal-Oratorju l-ġdid tal-Mosta minn Salomone għandu jittieħed fil-kuntest tal-fehma li kien stqarr Alfons Maria Galea fis-sensiela *Cotba tal-Mogħdija taż-Żmien* li kien joħroġ fil-bidu tas-seklu 20. Qed nirriproduċi silta dwar is-siwi tat-teatru bħala għajn ta' tagħlim bl-ortografija tal-Malti ta' dak iż-żmien

> Fuk collox, għajn il għerf ta'r-ruħ hija il CNISJA MKADDSA: il-*ligijiet* igħinuha, li *scola* tgħarrafha, it-*tiatru*: id-dakka tal mgħallem għal li scola u il ligijiet u għajnuna għall Cnisja.

> Niftiehmu: meta nghid it-*Tiatru*, irrid nfisser ruħi, dac li jitwuakkaf bil fehma it-tajjba, jigifieri li igħallem is-seuua jurihulec bħall tmissu b'idejc; u fuc hecc, nista moħħi mistrieħ ntenni, li it-TIATRU hua għajnuna kauuija ta li *scola*, tal *ligijiet* u tal *Cnisja Mkaddsa*... It-Tiatru nħolok għal mistrieħ tal moħħ u tal gisem; iżda, biex jista it-tiatru joħroġ ta ragel, jaħtieġlu iżomm dejjem ma din il fehma, illi id-dmir tiegħu minn fuk il palc ikun dejjem l'igħallem is-seuua: it-tagħlim ta't-Tiatru jista icun bil mogħdija ta'ż-żmien jeu bil għerf, imma dejjem bil fehma kauuija li jagħmel il gid. (Galea, 1911: 5/6)

L-iskipts tad-drammi fl-Oratorju kienu jkunu traduzzjonijiet, l-aktar mit-Taljan u xi ftit mill-Ingliż, waqt li oħrajn li jikkonċernaw eroj Maltin kienu jkunu miktubin oriġinarjament bil-Malti. Fost il-ħajjiet tal-qaddisin, kienu popolari d-drammi dwar il-qaddisin martri tal-ewwel żminijiet, fosthom dawk dwar San Sebastjan, San Lawrenz u San Vito. F'xi wħud mill-iskripts li għadhom jeżistu għadek tista' tara xi noti tad-direzzjoni, fosthom dettalji dwar meta ttellgħu. Per eżempju fil-każ tad-dramm fi tliet atti, *San Vito - Martri ta' Ċesarea*, insibu miktub f'paġna mingħajr numru wara paġna 110 li dan id-dramm inħadem fit-'*teatrino dell'Oratorio S. Cuor di Gesù dalla Unione Fil.*$^{ca}$ *S. Genesio sotto la direzione del dilettante Gauci Michelangelo il dì 16 Luglio, '16*' u li l-qligħ mill-biljetti mar b'risq il-festa ta' Santa Marija.

Minbarra li kienu metodu effettiv ta' kif il-poplu jitgħallem l-istorja ta' kif il-martri taw xhieda għal twemminhom, dawn id-drammi kienu imfittxijin ħafna minn nies, speċjalment meta kien jasal il-ħin 'spettakolari' tal-martirju.

> Għalkemm neqsin mill-mezzi moderni biex joħolqu l-effetti, dawn iż-żgħażagħ, bl-għajnuna tal-mibki Dun Edgar, kienu jużaw mezzi li l-fantasija tagħhom kienet tissuġġerilhom. Meta [Manwel Gatt] ħadem il-parti ta' San Lawrenz qabbdu n-nar u hu stess tpoġġa mis-suldati warajh u b'hekk mill-udjenza deher li tabilħaqq kien qiegħed jinħaraq. Esperjenza oħra li jiftakar u li ħasditu mhux ftit kienet meta bħala San Bastjan suppost qatgħulu rasu. Min kien qiegħed jaħdem il-parti tal-bojja, minflok ma għadda l-mannara bil-mod, uża waħda ta' veru u għaddihielu tant qrib għonqu li kemm Manwel kif ukoll ll-udjenza tkexkxu u ma ridux jemmnu li ħelisha b'wiċċ il-ġid. (Tabone, 1987: 9)

Flimkien mal-martirji tal-qaddisin, kien ikun hemm drammi li jesporġu l-bravuri u 'l-martirju' tal-eroj Maltin, ewlenin fosthom Mattew Callus, Pawlu Xara, il-kaptan Tommew Zarb, in-nobbli Inguterra Ciantar u l-famuż għawwiem Naxxari Toni Bajada. Ħafna minnhom huma karattri mnebbha mill-Assedju l-Kbir tal-1565. Minn dawn il-produzzjonijiet melodrammatiċi msejsin fuq it-trepied rebbieħ – storja, leġġenda u mħabba – il-poplu fqir kien jitgħallem li l-Maltin ta' qablu kienu nies b'identità u li għamlu minn kollox biex iħarsu l-patrija u l-fidi kattolika, minkejja t-tfixkil u l-umiljazzjoni tal-ħakkiem barrani. Dawn it-tip ta' drammi, minbarra mezz ta' divertiment irħis u kultura popolari, kienu strumentali biex isenslu sens ta' patrijottiżmu u nazzjonaliżmu fil-Maltin li kienu għadhom imċaħħda minn jeddijiethom taħt l-Ingliżi. Kienu drammi li intenzjonalment idealizzaw lill-eroj Malti li huwa dejjem safi f'imħabbtu għal familtu, għal ħanintu u għal pajjiżu, filwaqt li l-barrani (ħafna drabi taħt is-sura tat-Tork jew

tal-Kavallier) huwa mpinġi bħala t-tirann li mhux biss jgħakkes lill-poplu Malti, imma saħansitra jisraqlu unuru. Għal dawn il-ħsus kollha u aktar, dawn id-drammi bikrija fl-irħula huma meqjusa bħala politiċi, u mhux biss bħala espressjoni teatrali ta' mogħdija taż-żmien.

Manwel Gatt kien ikun fdat bil-partijiet prinċipali. Għalhekk ma setax jonqos li meta ġew biex itellgħu d-dramm *Mattew Callus*, lilu tawh il-parti tal-eroj Malti li safa mgħallaq mill-Gran Mastru de Valette peress li nqabad fil-fatt se jwassal ittra lir-Re ta' Spanja u li kienet titkellem fuq il-ħruxija tal-Kavallieri mal-Maltin. Tant kienu popolari dawn id-drammi li ttellgħu kemm-il darba u minbarra fit-teatrin tal-Oratorju, inħadmu wkoll fl-Iskola Primarja tal-Mosta u fis-sala li eventwalment infetħet mill-każin il-ġdid tan-Nicolò Isouard. In-neputija ta' Manwel Gatt, Marianne Tabone, tirrakkonta hekk dwar din il-parti li interpreta zijuwha,

> Mattew Callus kien patrijott Malti li spiċċa mgħallaq għal pajjiżu. Iz-ziju Manwel baqa' jiftakar f'dan id-dramm b'imħabba speċjali għax aktarx kien l-uniku dramm li marret tara ommu li tilifha meta kien għadu żgħir ħafna... Bħala qanpiena tal-mewt, meta Mattew Callus kien tiela' għall-forka, kienu użaw biċċa kanna u biha daqqew it-tokki tal-mewt fuq zappun tal-għelieqi. (Tabone, 1987: 9)

Mill-banda l-oħra, il-parti ta' de Valette kienet interpretata minn Paċik Bartolo (ta' Xorobha) li jiġi n-nannu ta' Joe Bartolo, imlaqqam Ta' Spir. Meta kellimtu, qagħad joqgħod jgħidli fuq il-kalunji insidjużi li kien isofri l-imsejken nannuh liebes is-salib tat-tmien ponot fuq sidru mingħand nanntu li kienet imserdqa tgħidx kemm,

> Nannuwi, iz-zijiet u missieri kienu kollha jaħdmu t-teatrin. Kienu jtellgħu reċti kemm fuq il-palk tal-Oratorju u kemm fil-każin tal-Banda Nicolò Isouard. Qabel siefru l-Awstralja, in-nanna tiegħi kienet toqgħod bieb ma' bieb man-Nicolò Isouard. U dan nannuwi kien jagħmel it-teatrin hemm; daqqa jagħmel il-parti ta' La Valette u oħra ta' Ġużeppi Mibjugħ minn Ħutu. U n-nanna kienet titla' fuq il-bejt u minn hemm fuq tibda titmejjel bin-nannu li kien ikun taħtha fil-bitħa tal-każin. Kienet tgħidlu, 'Oqgħod deħħikhim lin-nies, Peċik, bil-kummiedji tiegħek!' In-nannu kien isir dimonju, imma jibqa' kwiet. Kien magħmul nejxu miskin. In-nanna kienet xewka. (Joe Bartolo, 2015)

Kien għad fadal kważi nofs seklu ieħor biex il-partijiet femminili jinħadmu minn atturi nisa. F'Malta kien għadu mhux ikkunsidrat xieraq li tfajla titla' fuq il-palk u għalhekk il-maġġor parti tad-drammi ma kienx ikollhom partijiet tat-tfajliet. Fejn ma setgħux jagħmlu mod ieħor, bħal fil-partijiet ta' omm jew bint, allura kienu jagħżlu xi ġuvni gustuż u b'leħnu rqiq! Hawn, flimkien mad-drammi serji u melodrammatiċi, irridu nżidu għadd ġmielu ta' fares li minn dejjem kienu fost l-iżjed popolari mal-popolin. Fil-farsa, il-parti ta' raġel liebes ta' mara kienet tieħu sura grotteska għall-aħħar.

Min kien jaqta' biljett biex jidħol fis-sala tat-teatrin tal-Oratorju kien ikollu nofstanhar ta' divertiment għax il-programm ta' kull serata kien ikun imħallat u imburġat b'attività sħiħa. Kien hemm tliet tipi ta' biljetti u l-prezz kien ivarja skont il-klassi tal-biljett: tal-

**Tabella 2.1: Programm ta' serata teatrali fl-1916**

**L'Unioni Filodrammatica S. Genesio**
ser tati leiliet il Milied 1916
Fl'4 ta' filgħaxija

I Parti
**L'Rsir American**
Dramm grandius fi prologu u 4 atti tas-Sur G. Cumbo

II Parti
**Il-Figorin ta Martin**
Scherzo Comicu f'att uiħed ta Michel'Anġ Gauci

III Parti
**Cuncert Canzonettisticu**
Eseguit min M.A. Gauci, G. Muscat u oħrajn

Fl'intervalli iddok il Banda ta l'Oratoriu

**Tabella 2.2: Programm ta' serata teatrali fl-1917**

**L'Unioni Filodrammatica San Genesio**
ser tati nhar il Hadd 29 ta' Lulju 1917, fil 5 p.m.

L'Euuel Parti
**IZ-ZEUĠ SURGENTI**
Dramm grandius bi 3 atti ta' S. Fabri

It-Tieni Parti
**TOMBOLA PRIVATA**
Zeug soldi il biljet

It-Tielet Parti
**L'avucat Zanu**
Farsa f'att uihed ta' Paolo Zammit

prima (6d), tas-sekonda (4d) u tat-terza (2d). Kollox kien jibda bi dramm serju maqsum f'xi tlieta jew erba' atti, segwit minn xi farsa qasira u fl-aħħar kien ikun hemm xi tombla, inkella xi rokna ta' talent. Il-posters ta' dak iż-żmien jindikaw li kien ikun hemm '*il Banda ta l-Oratoriu*' ddoqq fl-intervalli. Dawn il-bandisti kienu l-istess bandisti tan-Nicolò Isouard li, kif rajna, f'dik il-ħabta kienu spiċċaw bla każin. In-nisa kienu joqogħdu fuq in-naħa quddemija tas-sala, waqt li l-irġiel jinġemgħu fuq wara. Ma kien jitħalla ħadd joqgħod fil-passaġġ tan-nofs. Tabelli 2.1 u 2.2 joffrulna żewġ eżempji ta' serati Oratorjani ta' din ix-xorta, l-ewwel waħda f'Diċembru tal-1916 u l-oħra f'Lulju ta' sena wara. Il-programm qiegħed jinġab bl-ortografija tal-Malti ta' dak iż-żmien.

Ta' min isemmi l-praspura li għal tikka ma ntemmitx fi traġedja meta ttella' d-dramm *Iż-Żewġ Surġenti* f'Lulju tal-1917. F'dik il-produzzjoni Manwel Gatt kien qiegħed jinterpreta l-parti ta' ħabsi ssentenzjat għall-mewt meta,

> Dak li suppost iffuċilla liż-żewġ priġunieri qisu beża' jagħfas il-grillu tas-senter. Manwel u sieħbu baqgħu jippruvaw jimlew il-vojt billi jgħidu xi kliem li ma kienx fl-iskript. Fl-aħħar, meta raw li s-suldat ma kienx se jispara, għamlu sinjal lil xulxin biex jaqgħu mal-art daqslikieku sparalhom. Hekk kif rahom neżlin, dak spara... u mnalla ma sparax qabel, għax min ikkarga s-senter, flok poġġa ftit porvli kemm jagħmel ftit ħoss, kien għamel iżżejjed, u ċ-ċomb ħaraq il-kwinti ta' warajhom. (Tabone, 1987: 9)

## Konklużjoni

Sa mill-ewwel snin tat-twaqqif tiegħu fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, l-Oratorju Qalb ta' Ġesù tal-Mosta kien diġà beda jesperimenta bit-trepied li fuqu eventwalment kellu joffri l-aqwa servizz b'risq il-parroċċa. It-tliet elementi maġġuri tat-trepied huma: (a) it-tagħlim tar-reliġjon, (b) it-taħriġ fl-isports u (d) l-ħila tar-reċtar. Is-sehem tal-katekisti fit-tagħlim tad-duttrina kien kruċjali biex it-tfal jibdew jinqalgħu mill-injoranza reliġjuża li kienu trawmu fiha u bil-mod il-mod jibdew jaspiraw biex ikunu denja tas-sagramenti qaddisa li jirċievu. Min-naħa l-oħra, Dun Edgar Salomone għaraf mill-ewwel il-ħtieġa li flimkien mal-maturità dottrinali, kellu jinbeda proċess biex iwessa' u japprofondixxi l-ħajja ċivika tat-tfal u ż-żgħażagħ Mostin. Huwa għalhekk li mal-pilastru tad-duttrina, huwa mill-ewwel żied iż-żewġ pilastri l-oħra tat-trepied: il-prattika tal-isports u l-iżvilupp tat-talenti tal-mużika u d-drama. L-ingaġġ tal-moviment tal-iscouts u l-miġja tal-atturi dilettanti taħt is-saqaf tal-Oratorju, flimkien mal-ftit bandisti tal-każin Nicolò Isouard, kienu strumentali biex il-formazzjoni li bdiet tingħata minn dan iċ-ċentru ta' katekeżi nisranija tkun waħda ħolistika li tinkwadra kemm il-ħtiġijiet tar-ruħ u kemm il-bżonnijiet tal-ġisem. F'dan il-kwadru ta' tant taħlit ta' nies ta' etajiet u gosti differenti jiftiehem aħjar l-appell għall-ordni, l-għaqda u l-armonija miktub b'ittri kapitali minn Dun Edgar Salomone fl-1916. Jien qed nirriproduċih bl-ortografija tal-Maltija li biha kitbu b'idu Salomone,

INFACCAR LIL DAUC TAL-BANDA, LIL TAL UNIONI TEATRALI, LIL CATECHISTI U LIL CBAR BĦALA SOĊII, BENEFATTURI U EFFETTIVI TAL- ORATORIU LI HUMA DEJJEM GHANDOM ID-DRITT LI JEĦDU PARTI F'DAC COLLHU LI JSIR FL'ORATORIU U GĦAL ORATORIU. INFACCAR UCOLL LI L'AVVISI BIL CLIME FIS-SALA U FUK IL QUADRO MA JSIRUX GĦAL XEJ_ . NIRRACMANDA L'ORDNI U L' UNIONI UAQT IL MISTRIEH TIGĦEI. SAC. EDGAR SALOMONE, DIRETTUR. (Cassar, 2009: 13)

Sa mill-ewwel snin kienet inħolqot sinerġija bejn id-duttrina, l-isports, il-mużika u d-drama u dawn l-elementi kienu dejjem sinkronizzati ma' xulxin. Waħda għandha bżonn l-ieħor u flimkien bdew jagħtu karattru lill-Oratorju Mosti. Din is-sinerġija kienet il-pedament li fuqha eventwalment Dun Karm Sciberras (1893-1950) bena l-Oratorju maestuż li nafu llum fi Pjazza Oratorju. Hija l-istess sinerġija li fuqha, imbagħad, mexxa u stinka Dun Anġ Camilleri (1930-2009) għal kważi ħamsin sena oħra bħala Direttur ta' dan iċ-ċentru. Imma ħa ma naqbdux niġru qabel nitgħallmu nimxu. Fil-kapitlu li jmiss se niffukaw fuq inċident speċifiku li ssarraf f'kunflitt bejn id-direzzjoni tal-Oratorju u s-soċi tal-MUSEUM għall-ħabta tal-1916.



L-ewwel bini li serva bħala Oratorju tas-subien fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. F'din il-binja, propjetà ta' Salvu Zahra, l-Oratorju dam jiffunzjona bejn l-1914 u l-1922.



Il-Mosti Dun Karm Gauci, fundatur tal-ewwel Oratorji fil-Mosta, wieħed għas-subien u ieħor għall-bniet. It-tnejn fetaħhom fl-1914; tas-subien fis-7 ta' Ġunju waqt li tal-bniet fit-13 t'Awwissu.



It-tfal tal-Oratorju għall-ħabta tal-1920 meta żżanżnet il-bandalora
takkumpanja l-purċissjonijiet tat-tfal huma u sejrin il-knisja arċipretali biex jirċievu s-sagramenti tal-ewwel tqarbina u l-Griżma tal-Isqof. It-tfajjel li qiegħed iżomm il-bandalora huwa Peter Zahra. żżanżnet il-bandalora tal-Qalb ta' Ġesù li kienet



Il-kast tad-dramm ta' *Mattew Callus* fl-1920. Dawn l-atturi tal-*Unione Filodrammatica San Genesio*
ddaħħlu bħala parti mill-operat tal-Oratorju mid-Direttur Dun Edgar Salomone. B'mod partikolari insemmu lill-atturi tal-ewwel ringiela bilqiegħa fejn fin-nofs hemm Paċik Falzon (Xorobha) li ħadimha ta' La Valette, fuq ix-xellug tiegħu naraw lil Manwel Gatt fil-parti ta' Mattew Callus, u l-aħħar wieħed fuq il-lemin lil Ġużeppi Muscat (Ta' Fjura) fil-parti ta' Inguterra Ciantar.

# Oratoriu 'Kalb ta Gesù'

## MOSTA

**L'unioni Filodrammatica *San Genesio***
**Ser tati nhar il Hadd 15 ta Lulju 1917, fil 5 p.m.**

L'EUUEL PARTI

# IZ-ZEUG SERVI

Dramm b'4 atti, traduzioni ta Michel'Anġ Gauci

—( PERSONAGGI )—

| | |
|---|---|
| Melchiram, *Sultan* | Sig. G. Muscat I |
| Elisafam, *Amministratur* | „ G. Gatt |
| Mosallam } *iż-zeuġ servi* | „ E. Gatt |
| Thilon } *iż-zeuġ servi* | „ S. Mifsud |
| Senesser } *servi* | „ P. Vella |
| Abiasaf } *servi* | „ V. Galea |
| Merajoth } *servi* | „ P. Magri |
| Tarajas, *L'euuel Imħallef* | „ G. M. Zahra |
| Betrafa } *Mħalfin* | „ A. Bugeja |
| Rinna } *Mħalfin* | „ A. Spiteri |
| Resef } *ulied Mosallam* | „ T. Fenech |
| Flegon } *ulied Mosallam* | „ A. Frendo |
| Aser, *calzrier* | „ E. Galea |

IT-TIENI PARTI

# TOMBOLA PRIVATA

**Zeug soldi il biljet**

IT-TIELET PARTI

# BRICCUNATA TAL AHUA

**Scherz comicu f'att uihed**

**Fl'intervalli id dok il Banda tal Oratoriu**

**Avvis**—In-nisa jokghodu kuddiem u'r-rġiel uara—fil passaġġ ħatt

Scola-Tip. tad-Dar S. Giużepp—Hamrun

Poster ta' pubbliċità għal serata fl-1917 fit-teatrin tal-Oratorju ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku bis-sehem tal-*Unione Filodrammatica San Genesio.*



It-tieni Direttur tal-Oratorju, Dun Edgar Salomone, li ġab miegħu ħajja ġdida fl-Oratorju billi introduċa l-*boy scouts*, inġagga lill-atturi Mostin tal-palk filwaqt li tahom lil San Ġenażju bħala protettur tagħhom u daħħal lill-bandisti tan-Nicolò Isouard li f'dik il-ħabta (1915-1920) kienu bla każin. Hawn jidher bħala Monsinjur, imżejjen bil-medalji tal-Imperu Ingliż għal qlubitu bħala kappillan militari fl-Ewwel Gwerra.



*Scouters* Mostin fl-1917. Dun Edgar Salomone, bħala Direttur tal-Oratorju u tal-istess *scouts*, jidher bilqiegħda fin-nofs liebes l-uniformi ta' *Military Chaplain* fl-Armata Ingliża qabel telaq għall-Ewwel Gwerra. Fuq ix-xellug tiegħu jidhru *Asst. Scout Master* Saverino Scerri u *Scout Master* Vincent Borg. Fuq il-lemin tiegħu jidhru *Asst. Scout Master* Carmelo Tabone Adami u Michael Gauci. Wara jidhru John Gauci, Peter Zahra, Felix Grech u Paul Magri




L-ewwel ritratt uffiċjali tal-*Musta Oratory Scouts* imwaqqfa minn Dun Edgar Salomone fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù fl-1916. Dun Edgar jidher bis-suttana bilqiegħda fin-nofs tat-tieni filliera minn quddiem. Warajh tidher il-bandiera ħadra tal-grupp Mosti li ġġib l-isem tal-Oratorju u li sal-lum għadha merfugħa fil-kwartier tal-*Boy Scouts* fi Triq it-Torri. Il-kitba b'ittri kapitali fin-naħa t'isfel tar-ritratt hija miktuba minn Dun Edgar stess u tixhed li kien hu li waqqaf l-i*scouts* fil-Mosta permezz tal-Oratorju.



Il-kappella tal-Oratorju kif kienet tkun armata waqt il-festi kbar fi żmien meta l-Oratorju kien stabbilit fi Triq il-Parroċċa bejn l-1922 u l-1935. Jidhru t-tfal għarkopptejhom quddiem is-sagrament espost u l-bandalora l-antika tal-Oratorju fuq ix-xellug.



Pont proviżorju armat bl-injam u l-ħbula magħmul mill-i*scouters* Mostin fil-Wied tal-Isperanza, il-Mosta nhar il-festa ta' Lapsi tal-1920. Tispikka t-tabella mwaħħla f'nofs il-pont, *Musta Oratory Troop*, li kien l-isem uffiċjali tal-i*scouters* Mostin bejn 1916 u 1922.



*Scouters* Mostin tal-Oratorju waqt attività fil-widien għall-ħabta tal-1917. Fuq il-karettun hemm il-kliem, *Musta Oratory Troop*, xhieda tar-rabta bejn l-Oratorju Qalb ta' Ġesù u l-moviment tal-*Boy Scouts* fil-Mosta



Ritratt tal-*Musta Oratory Troop* tal-1917 li kien jintuża bħala *postcard* fejn dak li jkun seta' jikteb xi kelmtejn qosra fuq wara u jibagħtu bil-posta. Jidhru l-kampijiet sinonimi mal-i*scouts* li sal-lum għadhom jimxu bil-motto '*be prepared*'.



Dun Karm Sciberras (1893-1950) li bħala saċerdot żagħżugħ laħaq Direttur tal-Oratorju fl-1922 u baqa' f'din il-kariga sal-1943. Kien bit-tħabrik tiegħu u tal-arċipriet Dun Pawl Mallia li beda jinbena l-Oratorju kbir u sabiħ li nafu llum.



Il-binja fi Triq il-Parroċċa wara r-Rotunda li serviet bħala sede għall-Oratorju Qalb ta' Ġesù bejn l-1922 u nofs it-tletinijiet sakemm beda jintuża l-Oratorju fejn nafuh illum. Din id-dar kienet oriġinarjament id-dar ta' Dun Feliċ Calleja, il-kappillan li ħolom u beda jwettaq il-proġett tar-Rotunda fl-ewwel kwart tas-seklu 19.